MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-22 ta' April, 2010

Numru. 283/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY PORTELLI**
**KONTRA**

**RICHARD JOHN CHARLES CUSCHIERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Richard John Charles Cuschieri ta’ 26 sena, bin Savier u Josephine nee’ Sant, mwieled Australia nhar il- 25 ta’ Gunju 1973, residenti Odeon Court, Kenrich Flats, Flat no 2, Sqaq il- ghajn, Hamrun u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 481789(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli

1) Nhar it- 22 ta' Jannar 2010, f' diversi lokalitajiet f' dawn il- Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f' xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz billi wahhal sett ta' pjanci tar- registrazzjoni folox bin- numru ABE- 596 fuq vettura tal- ghamla Mercedes E Class bin- numru originali XD 21 YDY ai termini tal- Artikolu 188 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Talli fl- istess zmin, lok u cirkostanzi, f' diversi lokalitajiet f' dawn il- Gzejjer, saq il- vettura tal- ghamla Mercedes E Class bin- numru tar- registrazzjoni originali XD 21 YDy, b' numru tar- registrazzjoni ABE- 596 li huwa falz, meta din ma kienetx registrata mall- Kummissarju tal-Pulizija jew Awtorita' Dwar it- Trasport Pubbilku, ai termini tal- Artikoli 15 (1) (a) (3) tal- Kapitolu 65 tal- Ligijiet ta' Malta, u b' hekk ma kienitx koperta b' licenzja jew polza ta' l- assikurazzjoni ghar- riskji ta' terzi persuni, ai termini tal- Artikolu 3 tal- Kapitolu 104 tal- Ligijiet ta' Malta. Il-Prosekuzzjoni titlob li jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu ebda licenzja tas- sewqan ghal perjodu ta mhux inqas minn tnax il- xhar;

3) Talli kiser il- provediment ta' sentenza ta' sena prigunerija sospiza ghal sena moghtija lilu fid- 9 ta' Lulju 2009 mill- Qorti tal- Magistrati Dr. Antonio Micallef Trigona;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-

Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 188 tal- Kapitolu 9, 15 (1) (a) (3) tal- Kapitolu 65 u 3 tal- Kapitolu 104 tal- Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah multa ta' tlett elef ewro (€3,000).
Testendi l- perjodu operattiv tas- sentenza sospiza datata 9 ta' Lulju 2009 ghal sentejn mill- istess data.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------